MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 701/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**ALEXANDER FALZON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alexander Falzon ta’ 37 sena iben il-mejtin George u Gemma nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’, nhar il-20 ta’ Novembru, 1973, residenti gewwa 40, Triq San Mikiel, Zurrieq, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 8774(M)

Gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin mill-hati, fi zminijiet differenti,li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Talli fis-07 tal-Lulju, 2012 u fit-08 ta' Lulju, 2012 gewwa Triq San Mikiel, Zurrieq volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacir jew bini iehor, gharix, jew lok iehor, u cioe', residenza bin-numru 51, meta fil-waqt tal-hruq kien hemm persuna gewwa u dan ghad-detriment ta' Raymond Barbara;

U aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fuq l-istess residenza, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u dang had-detriment ta' Raymond Barbara;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza bl-imgieba tieghu kkaguna lil Raymond Barbara biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm geww kien hemm xi persuna.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 12 ta' Dicembru, 2013 u nnutat li l-imputat Alexander Falzon m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problemi ta' natura medika u ghaldaqstant umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation sabiex ikun assistit jaqbad it-triq it-tajba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 317(b), 325(1)(a), 251B(1), 382A, 383, 384, 386, 412C, 412D, 17, 18, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alexander Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Alexander Falzon taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Alexander Falzon b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Raymond Barbara ghal zmien sena millum.
Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Alexander Falzon.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Alexander Falzon kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Alexander Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------